IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.12.2015
COM(2015) 638 final

2013/0260 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill mal-ewwel qari bil-għan li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mard tal-annimali li jittieħed (Il-liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

2013/0260 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill mal-ewwel qari bil-għan li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mard tal-annimali li jittieħed (Il-liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. KUNTEST

Id-data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill	Is-6 ta' Mejju 2013.
(dokument COM (2013) 260 final - 2013/0136 (COD):	
Id-data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	L-10 ta' Diċembru 2013.
Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari:	Il-15 ta' April 2014.
Id-data tat-trażmissjoni tal-proposta emendata:	[*].
Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	L-It-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2015.

* Minħabba l-iżviluppi li saru fid-diskussjonijiet informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew wara l-ewwel qari tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni ma ħejjietx proposta emendata, iżda esprimiet l-opinjonijiet tagħha dwar l-emendi tal-Parlament fil-"*Communication de la Commission sur les suites données aux avis et résolutions adoptés par le Parlement européen lors de la session de juin 2014*" (id-dokument SP (2014) 471 tad-9 ta' Lulju 2014).

2. L-GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li tiġi introdotta leġiżlazzjoni waħda li tirregola s-saħħa tal-annimali fl-Unjoni abbażi tal-prinċipju li "il-prevenzjoni aħjar mill-kura". Il-proposta hija mmirata biex ittejjeb l-istandards u biex tipprovdi sistema komuni ta' sorveljanza għall-iskoperta tal-mard, u għall-kontroll tal-mard, b'mod li tilqa' kontra r-riskji għas-saħħa u kontra r-riskji mill-ikel u mill-għalf biex dawn jiġu pprevenuti b'mod koordinat.

Din is-sistema mtejba tagħti l-possibbiltà lil dawk li jaħdmu fil-qasam tal-katina alimentari, bħalma huma l-bdiewa u t-tobba veterinarji, li jirreaġixxu malajr u jillimitaw it-tixrid tal-mard u jnaqqsu kemm jista' jkun l-impatt tiegħu fuq l-annimali u fuq il-konsumaturi.

Barra minn hekk, il-proposta tintroduċi l-kategorizzazzjoni, il-prijoritizzazzjoni u l-elenkar tal-mard li jkun jeħtieġ intervent fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li tippermetti approċċ li jkun aktar ibbażat fuq ir-riskju, u wkoll l-użu tajjeb tar-riżorsi.

Qiegħda tingħata biżżejjed flessibbiltà biex il-miżuri dwar is-saħħa tal-annimali jkunu jistgħu jiġu addattati għal stabbilimenti u ċirkostanzi lokali diversi, b'mod partikolari fejn għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni u tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti u tat-trobbija tal-annimali u l-ħżin tal-prodotti.

Fuq skala iżjed wiesgħa, l-Unjoni inġenerali qiegħda taħdem biex tikseb l-għanijiet tal-istrateġija tal-Ewropa 2020. Il-proposta dwar is-saħħa tal-annimali tappoġġa dawn l-għanijiet ġenerali kruċjali billi tnaqqas ir-riskji tal-impatti negattivi ekonomiċi, soċjali u ambjentali li jista' jkollhom is-saħħa tal-annimali kompromessa u t-tifqigħat tal-mard; u konsegwentement billi tappoġġa s-sigurtà ekonomika u s-suċċess ta' min irabbi l-annimali, b'mod partikolari l-bdiewa, u b'hekk tikkontribwixxi għal tkabbir għaqli, inklussiv u sostenibbli.

Finalment, il-qafas legali għandu bżonn ikun flessibbli, iżda robust biżżejjed biex jippermetti reazzjoni effikaċi min-naħa tal-Unjoni jekk ikun hemm tibdiliet kbar fil-klima, kif ukoll fil-każ ta' riskji ġodda mhux magħrufin li jistgħu jinqalgħu, u biex jippermetti adattament ta' malajr għal żviluppi ġodda xjentifiċi u għal standards ġodda internazzjonali.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

3.1 Kummenti ġenerali

Il-proposta tal-Kummissjoni ngħaddiet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fis-6 ta' Mejju 2013. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu mal-ewwel qari fil-15 ta' April 2014, u appoġġa l-għanijiet prinċipali tal-proposta tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, il-Parlament Ewropew esprima l-appoġġ tiegħu għall-prinċipju li l-prevenzjoni aħjar mill-kura, u laqa' tajjeb dan it-tentattiv li tingħabar il-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa tal-annimali, li bħalissa hija mifruxa, f'sett ta' prinċipji wieħed. Huwa għaraf ukoll il-kamp ta' applikazzjoni tal-att propost, li huwa dwar il-mard tal-annimali li jittieħed, u kien sodisfatt bl-approċċ waħdieni dwar is-saħħa tal-annimali, li jistabbilixxi rabta ċara bejn it-trattament xieraq tal-annimali u s-saħħa, kemm tal-annimali kif ukoll tal-pubbliku. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew talab li jkun hemm bilanċ bejn il-prevedibbiltà u l-flessibbiltà. Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kienet tinkludi 331 emenda fil-proposta tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni ma ħarġet l-ebda proposta mibdula. Fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni wriet li setgħet taċċetta kompletament, jew parzjalment, jew fil-prinċipju, jew bil-kundizzjoni li jinkitbu mill-ġdid 106 mit-331 emenda fil-proposta, billi dawn jiċċaraw jew itejbu l-proposta tal-Kummissjoni u jaqblu mal-għanijiet ġenerali tagħha. Minħabba li f'dak il-perjodu ma kinitx disponibbli l-pożizzjoni tal-Kunsill, u biex ma jiġix ippreġudikat ir-rwol tal-Kummissjoni li fi stadju aktar 'il quddiem tkun tista' tiffaċilita l-qbil bejn il-koleġiżlaturi, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar l-emendi tal-Parlament kienet pjuttost konservattiva u waħda li tiddefendi l-proposta tagħha.

Wara l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew mal-ewwel qari, issuktaw id-diskussjonijiet informali bejn il-Parlament Ewropew, il-Presidenza tal-Kunsill u l-

Kummissjoni, bil-għan li jikkonkludu ftehim fl-istadju tal-pożizzjoni komuni ('ftehim bikri mat-tieni qari').

Dawn id-diskussjonijiet irnexxew u qegħdin riflessi fil-pożizzjoni komuni tal-Kunsill, li ġiet adottata b'maġġoranza kwalifikata fl-14 ta' Diċembru 2015.

3.2 L-emendi tal-Parlament Ewropew li aċċettat il-Kummissjoni u li ddaħħlu sħaħ, jew parzjalment, jew fil-prinċipju, fil-pożizzjoni tal-Kunsill mal-ewwel qari

Titolu tal-proposta: il-Parlament Ewropew issuġġerixxa titolu ġdid għall-proposta, li jiddeskrivi aħjar l-attenzjoni tagħha fuq il-mard tal-annimali li jittieħed. Fil-pożizzjoni tiegħu, il-Kunsill qabel ma' dan it-titolu u ppropona li jkun hemm tibdil żgħir ta' xi kliem. Minħabba l-importanza politika tat-titolu l-ġdid, u minħabba l-fatt li l-proposta tassew tiffoka fuq il-mard tal-annimali li jittieħed, il-Kummissjoni taċċetta t-titolu mibdul.

Il-kategorizzazzjoni tal-mard tal-annimali u ta' mard ġdid: fl-emendi 83 sa 87 tiegħu l-Parlament Ewropew ippropona tibdil fil-kliem li jiċċara l-gruppi tal-kategoriji ta' mard tal-annimali previsti fl-Artikolu 8 tal-proposta tal-Kummissjoni. Il-Kunsill daħħal dawn l-emendi fil-pożizzjoni tiegħu b'xi tibdil ta' kliem. Il-Kummissjoni taċċetta din il-kjarifika.

Fl-emendi 176 u 177 tiegħu, il-Parlament Ewropew talab li jkun hemm aktar miżuri, li jkunu aktar ċari, dwar il-mard ġdid. Iżda dawn l-emendi ma ddaħħlux fl-iktar post xieraq għalihom fit-test. Il-Kunsill qabel mat-tħassib tal-Parlament Ewropew dwar iċ-ċarezza tal-miżuri dwar mard ġdid u ppropona Artikolu ġdid. Il-Kummissjoni taċċetta dan il-kompromess, li jindirizza t-tħassib taż-żewġ koleġiżlaturi, billi jipprevedi regoli aktar ċari dwar kif għandu jiġi indirizzat mard ġdid.

It-tħassir tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 dwar l-identifikazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettar tal-laħam taċ-ċanga: fl-emenda 38, 324 u 328 tiegħu, il-Parlament Ewropew ippropona li jinżamm ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 dwar l-identifikazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettar tal-laħam taċ-ċanga, jiġifieri r-Regolament li ppruvat tħassar il-proposta dwar is-saħħa tal-annimali. Il-Kummissjoni ċċarat il-fatt li minkejja li l-proposta kienet indikat li r-Regolament (KE) Nru 1760/2000 kollu kemm hu kien se jitħassar, l-intenzjoni tal-Kummissjoni kienet li ma jitħassrux dawk il-partijiet tiegħu dwar it-tikkettar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga. Din il-kwistjoni ġiet diskussa wkoll fil-Kunsill, li ppropona tibdila fil-proposta li jirrifletti dan. Il-Kummissjoni taqbel mal-pożizzjoni tal-Kunsill u għaldaqstant taċċetta li jinżamm it-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, li jikkonċerna t-tikkettar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga, u li hu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta dwar is-saħħa tal-annimali.

Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew osserva li l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 li ġie emendat riċentement jipprevedi intensità fissa tal-kontrolli tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali bovini. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li dispożizzjonijiet daqshekk deskrittivi huma żejda, billi huma previsti fil-proposta tal-Kummissjoni ta' Regolament dwar il-kontrolli uffiċjali (COM (2013) 265, 2013/0140/COD). Madankollu, il-Parlament Ewropew ried rassikurazzjoni li fil-futur jinżamm livell ta' kontrolli ugwali tal-annimali bovini, u dan huwa rifless fi premessa ġdida.

It-trattament xieraq tal-annimali: fl-emendi 5, 99 u 202, il-Parlament Ewropew eżiġa li jitqies it-trattament xieraq tal-annimali meta jkunu qegħdin jitfasslu jew jiġu implimentati miżuri dwar is-saħħa tal-annimali. Il-proposta tal-Kummissjoni diġà teżiġi li b'mod sistematiku jitqies it-trattament xieraq tal-annimali meta jkunu qegħdin jitqiesu l-impatti tal-

mard u l-miżuri li jiġġieldu l-mard. Il-Kummissjoni aċċettat l-emendi tal-Parlament Ewropew li jirrinfurzaw dan il-ħsieb u l-Kunsill appoġġahom.

3.3 Emendi tal-Parlament Ewropew li rrifjutat il-Kummissjoni u li ddaħħlu sħaħ, jew parzjalment jew fil-prinċipju fil-pożizzjoni tal-Kunsill mal-ewwel qari

L-elenkar tal-mard tal-annimali: f'sensiela ta' emendi (b'mod speċjali l-emendi 13, 14, 65-67, 70-72, 76, 77, 80-82, 88-90) il-Parlament Ewropew ippropona li jitneħħew is-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikoli 5, 7 u 8, li jippermetulha tistabbilixxi l-lista tal-mard tal-annimali u tal-ispeċijiet tal-annimali li japplikaw ir-regoli tar-Regolament għalihom, kif ukoll il-kategorizzazzjoni tal-mard fi gruppi differenti skont il-miżuri rilevanti għalihom. Il-Parlament ippropona li l-lista tal-mard tiddaħħal f'Anness mar-Regolament, iżda li l-Kummissjoni tingħata setgħat delegati biex temenda jew iżżid ma' dik il-lista (l-emenda 331).

Il-Kunsill ippropona li tinkiteb lista qasira ta' ħames mardiet sinifikanti fil-parti normattiva tar-Regolament, iżda li l-elenkar tal-mard l-ieħor, il-kategorizzazzjoni tal-mard kollu elenkat, u l-elenkar tal-ispeċijiet, għandhom isiru permezz ta' atti implimentattivi. Il-Kunsill żied ukoll aktar kriterji għall-elenkar u l-kategorizzazzjoni tal-mard tal-annimali (marbutin mal-Artikoli 5 u 8 rispettivament), li fil-fehma tiegħu jżid l-elementi essenzjali nieqsa mal-parti normattiva tal-proposta tal-Kummissjoni.

Il-Parlament għaraf il-valur taż-żieda ta' dawn l-elementi essenzjali addizzjonali li jipprovdu iżjed kriterji għall-elenkar u l-kategorizzazzjoni tal-mard. Il-Parlament qabel ukoll mal-lista ta' 5 mardiet proposta fl-Artikolu 5 u mal-possibbiltà li jiġu elenkati mardiet oħrajn f'Anness li jkun jista' jiġi emendat b'att delegat filwaqt li jinżammu s-setgħat ta' implimentazzjoni għall-kategorizzazzjoni tal-mard tal-annimali (skont l-Artikolu 8).

Filwaqt li oriġinarjament il-Kummissjoni kienet warrbet l-emendi ta' hawn fuq tal-Parlament Ewropew, setgħet taċċetta l-pożizzjoni finali tal-Kunsill u tal-Parlament bħala kompromess li jżomm l-effiċjenza, il-flessibbiltà u ċ-ċertezza legali meħtieġa għall-elenkar u l-kategorizzazzjoni tal-mard u għall-elenkar tal-ispeċijiet.

Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u max-xjenzjati: fl-emendi tiegħu nnumerati 41, 66, 75, 77, 82, 157, 260 u 322, il-Parlament Ewropew talab ħafna tipi ta' konsultazzjoni speċifiċi għal waqt it-tfassil tal-atti delegati. Għall-kuntrarju tal-Artikolu 290 (2) TFUE, xi whud minn dawk l-emendi jistabbilixxu obbligu vinkolanti li l-Kummissjoni twettaq dawn il-konsultazzjonijiet.

Fil-pożizzjoni tiegħu, il-Kunsill ried jirrikonoxxi l-importanza li l-Kummissjoni tikkonsulta mal-esperti, fosthom esperti mill-Istati Membri, u emenda l-proposta skont dan. Il-Kunsill qabel ukoll mal-Parlament dwar l-involviment tal-partijiet ikkonċernati f'din il-konsultazzjoni.

Il-Kummissjoni ma tistax taċċetta l-emendi tal-Parlament Ewropew, li jikkontradixxu l-Artikolu 290(2) tat-TFUE. Iżda tista' taqbel mal-kliem fil-pożizzjoni tal-Kunsill li jgħid li hi tikkonsulta mal-esperti, mal-partijiet ikkonċernati u mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, u tista' wkoll twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi aktar wesgħin meta dan ikun xieraq.

Klawżola ta' rieżami (rapport tal-Kummissjoni): fl-emenda 330 il-Parlament Ewropew talab li sal-31 ta' Diċembru 2019 il-Kummissjoni tippreżenta, f'Artikolu, rapport fuq l-impatt tar-Regolament. Il-Kunsill ukoll talab li l-Kummissjoni tkun obbligata tagħmel rapport fi premessa jew f'Artikolu filwaqt li jiġi evitat kull piż amministrattiv żejjed.

Fil-bidu l-Kummissjoni ma qablitx li jkollha dan id-dmir addizzjonali li tirrapporta, billi jeżistu għodod oħra għall-evalwazzjoni tal-impatt tal-leġiżlazzjoni tal-UE, bħalma huma l-

kontrolli tal-idoneità u l-evalwazzjonijiet. Barra minn hekk, iż-żmien li ngħatat oriġinarjament biex tagħmel dan kien qasir wisq. Bħala parti mill-kompromess ġenerali, il-Kummissjoni tista' taċċetta l-emenda proposta mill-Parlament Ewropew, soġġett għat-tibdil tal-kliem stipulat fil-pożizzjoni tal-Kunsill.

It-Trattament Xieraq tal-Annimali: oriġinarjament il-Parlament Ewropew talab għadd ta' emendi dwar it-trattament xieraq tal-annimali. Xi wħud minn dawn ġew aċċettati mill-Kunsill (ara l-punt 3.2), filwaqt li oħrajn (bħall-emendi 173, 180, 194 u 257) daħlu iżjed fil-fond u pprovdew regoli għat-trattament xieraq tal-annimali. B'hekk kienu qegħdin jidħlu fil-kamp tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar it-trattament xieraq tal-annimali u kien hemm il-possibbiltà li jmorru kontra l-miżuri tal-kontroll tal-mard f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Il-Kunsill żamm sod dwar is-separazzjoni tas-saħħa tal-annimali u t-trattament xieraq tal-annimali, u jopponi dawn l-emendi, u b'mod ġenerali jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-emendi kollha li kienu jirkbu fuq xulxin, jew li ma kinux konsistenti mar-rekwiżiti eżistenti - jew li jpoġġu fir-riskju s-saħħa tal-annimali u s-saħħa pubblika - ma ddaħħlux fil-pożizzjoni tal-Kunsill. Il-Kummissjoni tappoġġa din il-pożizzjoni.

Il-Parlament Ewropew eventwalment seta' jelimina jew jaġġusta għadd kbir mill-emendi tiegħu, iżda talab li l-Kummissjoni tikkommetti ruħha li tieħu l-azzjoni fil-futur li tipproteġi l-annimali permezz ta' dikjarazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali. B'mod eċċezzjonali, u bħala parti mill-ftehim ġenerali, il-Kummissjoni aċċettat li tagħmel din id-dikjarazzjoni.

Ir-reżistenza għall-antimikrobiċi: il-Parlament Ewropew adotta bosta emendi dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi. Ir-reżistenza għall-antimikrobiċi diġà kienet ġiet ittrattata fil-proposta tal-Kummissjoni permezz ta' xi dispożizzjonijiet dwar ir-reżistenza għat-trattamenti u dwar il-profili tal-mardiet. L-emendi li jobbligaw lill-atturi jqisu r-riskji tar-reżistenza għall-antimikrobiċi, jew li jobbligawhom jissensibilizzaw lill-pubbliku dwarhom, huma aċċettabbli (l-emendi 73, u 101), filwaqt li l-emendi li jaffettwaw il-leġiżlazzjoni dwar il-mediċini veterinarji ma jistgħux ikunu appoġġati, billi dawn joħorġu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proposta.

Il-Parlament Ewropew insista wkoll li jiġi mmodifikat l-Artikolu 9 (l-emenda 94) biex jistabbilixxi r-responsabbiltà tal-operaturi għall-użu responsabbli tal-mediċini veterinarji, billi fil-fehma tal-Parlament, dan l-obbligu ċar huwa meħtieġ fil-leġiżlazzjoni tal-UE biex tiġi stabbilita rabta mal-proposta dwar il-mediċini veterinarji (COM(2014) 558, 2014/0257 (COD)). Eventwalment, il-Parlament Ewropew kien lest iċedi fuq emendi oħrajn dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi u dwar il-mediċini veterinarji, iżda talab li almenu ssir dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi, u dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-rappurtaġġ regolari tal-użu ta' prodotti mediċinali antimikrobjali fuq l-annimali fl-Unjoni.

Il-Kunsill fil-prinċipju aċċetta l-emenda 94 u qabel li ssir dikjarazzjoni konġunta. Il-Kummissjoni tista' taqbel mal-emenda 94 kif inkitbet mill-ġdid fil-pożizzjoni tal-Kunsill; tista' wkoll taqbel mad-dikjarazzjoni konġunta dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi, u bħala kompromess, lesta tagħmel dikjarazzjoni dwar ir-rappurtaġġ regolari tal-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi.

Professjonisti u korpi professjonali oħrajn li jwettqu l-kompiti f'isem l-awtorità kompetenti: il-Parlament Ewropew talab li ċerti professjonisti, bħalma huma l-professjonisti dwar is-saħħa tan-naħal, jiġu rikonoxxuti fuq l-istess bażi li huma rikonoxxuti l-veterinarji (l-emendi 103 u 110), u li ċerti individwi kkwalifikati jew korpi professjonali oħrajn jingħataw permess iwettqu ċerti kompiti (l-emendi 19 u 109).

Il-Kunsill indirizza l-istess kwistjonijiet billi ssuġġerixxa l-possibbiltà li l-Istati Membri jkunu jistgħu jawtorizzaw professjonisti oħrajn biex iwettqu ċerti kompiti, filwaqt li jitqies il-prinċipju tas-sussidjarjetà li jippermetti li l-Istati Membri jieħdu d-deċiżjonijiet huma dwar l-awtorizzazzjonijiet, abbażi tal-istrutturi nazzjonali eżistenti. Dan jaqbel mal-opinjoni tal-Kummissjoni li ċerti kompiti jistgħu jingħataw lil professjonisti oħrajn, dejjem jekk dan isir b'konformità ma' standards internazzjonali u jekk jiġu rispettati s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

Il-laboratorji tas-saħħa tal-annimali: il-Parlament Ewropew ippreveda (l-emendi 150-155) r-rekwiżiti għal-laboratorji uffiċjali tas-saħħa tal-annimali, fosthom dispożizzjonijiet dwar in-netwerk tal-laboratorji u rekwiżiti għal-laboratorji uffiċjali, kif ukoll għal-laboratorji ta' referenza nazzjonali u tal-Unjoni. Il-Kummissjoni ma tistax taqbel ma' dawn l-emendi għaliex il-kompiti u r-responsabbiltajiet ta' dawk il-laboratorji qegħdin koperti fil-proposta għal Regolament dwar il-kontrolli uffiċjali.

B'mod ġenerali, il-Kunsill qabel mal-Kummissjoni dwar dan u bħala kompromess ippropona Artikolu ġdid li jorbot flimkien ir-rekwiżiti fil-proposti dwar il-laboratorji tas-saħħa tal-annimali u dwar il-kontrolli uffiċjali. Il-Kummissjoni taċċetta din is-soluzzjoni bi spirtu ta' kompromess.

3.4 Emendi tal-Parlament Ewropew li l-Kummissjoni taċċetta għalkollox, parzjalment jew fil-prinċipju, iżda li ma ddaħħlux fil-pożizzjoni tal-Kunsill mal-ewwel qari

Kien hemm xi kwistjonijiet żgħar li l-Kummissjoni aċċettathom parzjalment, iżda dawn ma ddaħħlux b'mod speċifiku fil-pożizzjoni finali tal-Kunsill, billi kienu saru żejda waqt in-negozjati, jew kienu ġew spjegati post ieħor, jew kienu mdaħħlin b'mod impliċitu fil-proposta (pereżempju l-emendi 4, 8, 26, 45, 156, 222 u 277).

3.5 Emendi tal-Parlament Ewropew li rrifjutat il-Kummissjoni u li ma ddaħħlux fil-pożizzjoni tal-Kunsill mal-ewwel qari

Il-miżuri strateġiċi tal-Istati Membri dwar mard mhux elenkat: il-Parlament Ewropew talab (fl-emendi 29 u 107) li l-Istati Membri jwettqu miżuri strateġiċi dwar il-mard, anki għal dak il-mard li ma jitqiesx li hu rilevanti għall-Unjoni u għaldaqstant mhuwiex elenkat fost dawk li jkunu jeħtieġu intervent tal-Unjoni.

Il-Kunsill ma daħħalx din l-emenda tal-Parlament Ewropew, billi din id-dispożizzjoni toħroġ barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta u toħloq piż amministrattiv u finanzjarju bla bżonn fuq l-Istati Membri. Il-Kummissjoni taqbel mal-pożizzjoni tal-Kunsill, billi l-miżuri strateġiċi għall-mard li mhuwiex elenkat jidħlu fil-kamp tas-sussidjarjetà.

Prodotti mediċinali veterinarji: l-emendi 94, 159, 160, 162 u 163 sa 165 tal-Parlament jirregolaw l-użu tal-prodotti mediċinali veterinarji fl-Unjoni b'mod li jkollu effett fuq il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-mediċini veterinarji u dan ifisser li jkun hemm bejnhom u bejn il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-mediċini veterinarji. Għalhekk, il-Kunsill ma setax jaċċetta dawn l-emendi. Il-Kummissjoni taqbel mal-pożizzjoni tal-Kunsill.

Miżuri nazzjonali: il-Parlament Ewropew ippropona l-emendi 37, 268 u 323 li jippermettu li Stat Membru jillimita l-moviment ta' annimali u ta' prodotti jekk jaqtagħha li dan ikun ġustifikabbli xjentifikament, u li jkun meħtieġ biex jipprevjeni l-introduzzjoni jew it-tixrid ta' xi marda. Dan imur iżjed fil-fond mis-sistema attwali ta' "garanziji addizzjonali" li nżammet fil-proposta tal-Kummissjoni, u li bis-saħħa tagħha l-Kummissjoni tapprova, għal għadd

limitat ta' mardiet, il-garanziji addizzjonali, għall-kummerċ fl-Unjoni stess, li jintalbu minn Stat Membru li jkun iddeċieda minn jeddu li jeqred xi wħud minn dawk il-mardiet.

Il-Kunsill ippropona l-emendi li jiċċaraw "il-garanziji addizzjonali" u jippermettu li l-Istati Membri jwettqu l-miżuri tagħhom għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard. Il-Kummissjoni tara l-pożizzjoni tal-Kunsill bħala kompromess tajjeb, billi sa ċertu punt tilqa' t-tħassib tal-Parlament Ewropew, u fl-istess ħin iżżomm il-prinċipji tas-Suq Uniku.

Annimali li ma jkunu ta' ħadd, li jkunu abbandunati jew li jiġru barra: bosta emendi tal-Parlament Ewropew (l-emendi 49, 51, 53, 74, 198-201, 203, 211-215, 218) ittantaw li jiddefinixxu l-annimali abbandunati, jew l-annimali li qatt ma kienu ta' ħadd bħala kategoriji differenti minn tal-"annimali slavaġ". Il-ħsieb tal-Parlament kien li dawn il-kategoriji ta' annimali ma għandhomx jitħallew barra mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

Il-proposta tal-Kummissjoni kienet tagħmel distinzjoni ċara bejn "annimali mrobbijin" u "annimali slavaġ", u r-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-annimali li jistgħu jiġu applikati għall-annimali li jinżammu mill-bniedem u dawk li jistgħu jiġu applikati għall-annimali li mhumiex fil-kontroll tal-bniedem. F'dan il-kuntest, l-annimali abbandunati jew li jiġru barra, anki ta' speċijiet li normalment ikunu domestikati, jitqiesu bħal "annimali slavaġ". Jekk dawn l-annimali jiġu ddefiniti bħala kategorija separata, ikun hemm konfużjoni, nuqqas ta' ċertezza legali, u hemm il-potenzjal li l-miżuri li jkunu jistgħu jittieħdu dwarhom jiġu ristretti.

Il-Kunsill aċċetta r-raġunament tal-proposta tal-Kummissjoni u żied xi kjarifiki, fosthom Parti sħiħa dwar il-moviment mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi, li tiddistingwi bejn il-movimenti ta' annimali tal-kumpaniji minn annimali abbandunati u annimali oħrajn. Il-Kummissjoni taqbel ma' dawn is-soluzzjonijiet li jimxu mal-proposta tagħha u fl-istess ħin jagħmluha aktar ċara.

L-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb: fl-emenda 236 l-Parlament Ewropew eżiġa li l-Istati Membri kollha għandhom jistabbilixxu r-reġistrazzjoni obbligatorja tal-klieb kollha, u meta jkun wasal iż-żmien, jistabbilixxu bażi tad-dejta. Il-proposta tal-Kummissjoni pprevediet bażi legali għall-possibbiltà li fil-futur jiġu introdotti rekwiżiti dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' speċijiet differenti ta' annimali, fosthom, possibbilment, il-klieb. Il-Kunsill appoġġa l-proposta tal-Kummissjoni għaliex ir-rekwiżit li l-Istati Membri jkunu jridu jistabbilixxu dan it-tip ta' sistema mingħajr valutazzjoni tal-impatt, jista' jkun sproporzjonat mar-riskju tas-saħħa tal-annimali, u jista' joħloq piż amministrattiv u finanzjarju meta l-benefiċċju ta' dan ma jkunx magħruf.

Il-moviment mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi: ħafna mill-emendi tal-Parlament Ewropew (l-emendi 36, 39, 40, 54, 239-244, 246-247, 263-267 u 325) jinvolvu li jinżamm ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 dwar il-moviment mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi (ir-Regolament dwar l-"Annimali Domestiċi"), li kien se jitħassar bil-proposta dwar is-saħħa tal-annimali.

Il-ħsieb wara l-proposta tal-Kummissjoni kien li din tintegra r-regoli kollha rilevanti dwar is-saħħa tal-annimali għal kull speċi u kategorija f'sett wieħed. Dan kien jiżgura li l-annimali bħall-klieb u l-qtates jistgħu jiġu ttrattati b'mod koerenti mill-perspettiva tas-saħħa tal-annimali, kemm jekk ikunu annimali domestiċi, kif ukoll dawk abbandunati, u kemm jekk ikunu kummerċjalizzati kif ukoll jekk jingarru b'mod mhux kummerċjali bħala annimali tal-kumpanija.

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, it-tnejn li huma kellhom ir-riżervi tagħhom dwar it-tħassir tar-Regolament dwar l-Annimali Domestiċi daqstant malajr wara li ġie adottat. Il-Parlament kien tal-fehma li r-Regolament dwar l-Annimali Domestiċi għandu jibqa' fis-seħħ kif inhu. Il-

Kunsill kien tal-fehma li l-moviment mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi jidħol loġikament fil-qafas tas-saħħa tal-annimali, iżda li r-Regolament dwar l-Annimali Domestiċi ma għandux jerġa' jintmiss daqshekk malajr wara li ġie adottat. Għalhekk, ippropona perjodu ta' 10 snin ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Annimali Domestiċi, flimkien ma' sett ta' regoli stipulati fil-proposta dwar is-saħħa tal-annimali li jaqblu ma' dawk fir-Regolament dwar l-Annimali Domestiċi, u wara li jgħaddi l-perjodu ta' 10 snin dawn jiġu sostitwiti.

Il-pożizzjoni tal-Kunsill hija kompromess li jqarreb lejn il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, u għaldaqstant il-Kummissjoni tista' taċċettaha.

Tinżamm il-leġiżlazzjoni dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-ħnieżer u tal-annimali ovini u kaprini: fl-emendi 238, 326 u 327, il-Parlament Ewropew talab li jinżamm ir-Regolament (KE) Nru 21/2004 dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini, u d-Direttiva 2008/71 dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-ħnieżer.

Il-Kummissjoni pproponiet li tħassar il-leġiżlazzjoni attwali dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni, biex dak kollu li għandu x'jaqsam mas-saħħa tal-annimali jiddaħħal f'sett wieħed ta' prinċipji ġenerali. L-intenzjoni tal-Kummissjoni kienet li żżomm l-ispirtu u d-dettalji ta' dik il-leġiżlazzjoni u li tipprovdi l-istabbiltà għall-Istati Membri u għall-operaturi filwaqt li tippermetti aktar flessibbiltà għall-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda, għall-addattament għall-isfidi ġodda u tippermetti d-derogi f'sitwazzjonijiet fejn ir-riskji jkunu minimi. Fil-pożizzjoni tiegħu l-Kunsill appoġġa l-proposta tal-Kummissjoni.

L-annimali akkwatiċi; tibdiliet fid-definizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-akkwakultura: il-Parlament Ewropew issuġġerixxa l-emendi 50, 291-296, 300-304, 306 u 307 li jintroduċu l-kategorija ġdida "annimali akkwatiċi domestiċi" li tissepara "l-akkwakultura" mill-annimali "akkwatiċi domestiċi". Fid-distinzjoni li tagħmel il-proposta tal-Kummissjoni bejn "l-annimali domestiċi" u "l-annimali slavaġ", l-annimali akkwatiċi wkoll jidħlu fil-kategorija ta' "annimali domestiċi" u dawn jitqiesu bħala annimali domestiċi akkwatiċi. Il-Kunsill ipprova jindirizza t-tħassib tal-Parlament mingħajr ma jippreġudika l-intenzjoni oriġinali tal-proposta tal-Kummissjoni billi ċċara d-definizzjoni ta' annimali tal-akkwakultura, u jiċċara liema huma r-regoli ta' prevenzjoni u kontroll tal-mard li japplikaw għall-annimali tal-akkwakultura u liema japplikaw għall-"annimali akkwatiċi slavaġ". Għalhekk il-Kummissjoni tista' tappoġġa s-soluzzjonijiet proposti mill-Kunsill.

3.6 Dispożizzjonijiet ġodda li daħħal il-Kunsill

Perjodi ta' tranżizzjoni: il-Kunsill esprima t-tħassib tiegħu dwar l-ammont ta' leġiżlazzjoni li trid titħassar u tiġi sostitwita b'dan il-qafas legali ġdid dwar is-saħħa tal-annimali. Biex ikun hemm aktar żmien għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, il-Kunsill ippropona perjodu tranżizzjonali ġenerali ta' 60 xahar minflok is-36 xahar li pproponiet il-Kummissjoni. Talab ukoll miżuri tranżizzjonali addizzjonali, bħal dawk li jobbligaw lill-Kummissjoni biex tadotta ċerti atti delegati ewlenin għallinqas minn 24 xahar qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament, u talab li għal atti delegati u ta' implimentazzjoni oħrajn jiġi determinat perjodu ta' mill-inqas sitt xhur bejn l-adozzjoni tal-ewwel sett ta' dawn l-atti u l-applikazzjoni tagħhom.

Il-Kummissjoni taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill bħala kompromess ġenerali u meta wieħed iqis iż-żmien meħtieġ biex tiġi żviluppata l-leġiżlazzjoni ta' sostenn delegata u ta' implimentazzjoni. Il-Parlament Ewropew ma esprima ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

Miżuri tranżizzjonali (ir-rikonoxximent tad-drittijiet miksuba): il-Kunsill daħħal xi Artikoli ġodda li jagħtu l-possibbiltà lill-operaturi u lill-Istati Membri jirrikonoxxu d-drittijiet dwar l-approvazzjoni jew ir-reġistrazzjoni ta' operaturi u stabbilimenti eżistenti, u dwar l-approvazzjoni tal-istatus ta' "ħielsa mill-mard", u dwar id-dispożizzjonijiet speċjali dwar is-

salmonella. Il-Kummissjoni taċċetta dawn iż-żidiet, billi jiżguraw li d-drittijiet eżistenti jiġu ttrasferiti awtomatikament fil-qafas legali l-ġdid, u b'hekk jgħinu biex jiġi evitat piż amministrattiv u spejjeż żejda għall-operaturi u għall-awtoritajiet kompetenti u jipprovdu ċ-ċertezza legali waqt il-perjodu tranżizzjonali. Il-Parlament Ewropew qabel ma' dawn it-tibdiliet.

L-obbligu tar-reġistrazzjoni ta' ċerti operaturi li jwettqu xogħol ta' assemblaġġ: fil-pożizzjoni tiegħu, il-Kunsill żied xi dispożizzjonijiet dwar l-obbligu tar-reġistrazzjoni ta' ċerti operaturi li m'għandhomx stabbiliment li jinnegozjaw l-annimali li jista' jkollhom impatt fuq it-traċċabbiltà ta' dawk l-annimali. Il-Kummissjoni setgħet taċċetta dawn iż-żidiet billi jikkontribwixxu għat-traċċabbiltà ġenerali u jaqblu mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar is-saħħa. Il-Parlament Ewropew qabel ma' dawn it-tibdiliet.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tqis li l-pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill b'maġġoranza kkwalifikata tirrifletti l-għanijiet oriġinali tal-proposta tagħha filwaqt li tikkunsidra ħafna mill-punti mqajma mill-Parlament Ewropew. Għalkemm fil-każ ta' ċerti elementi l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill hija differenti mill-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tqis li din il-proposta hija kompromess ibbilanċjat tajjeb u hija sodisfatta li din tkopri l-kwistjonijiet kollha li min-naħa tagħha l-Kummissjoni kienet qisithom essenzjali meta adottat il-proposta tagħha.

5. DIKJARAZZJONIJIET

5.1 Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-annimali li jittieħed minn annimali oħra jew mill-bniedem, u ma fihx dispożizzjonijiet li speċifikament jirregolaw it-trattament xieraq tal-annimali minkejja li hemm rabta bejn is-saħħa tal-annimali u t-trattament xieraq tal-istess annimali. L-Unjoni għandha acquis żviluppat sew fir-rigward tat-trattament xieraq tal-annimali, li jkopri speċijiet differenti (tiġieġ tas-simna, tiġieġ tal-bajd, ħnieżer, għoġġiela), u attivitajiet differenti (it-trobbija, it-trasport, il-qatla, ir-riċerka, eċċ.). Naturalment, din il-leġiżlazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali se tibqa' tapplika. Il-Kummissjoni hija impenjata li tirrispetta b'mod sħiħ it-trattament xieraq tal-annimali, b'konformità mal-Artikolu 13 tat-Trattat u, fil-limiti stabbiliti fih, dan jinkludi li tiżgura li din il-leġiżlazzjoni tiġi implimentata bis-sħiħ u tiġi żviluppata b'mod xieraq.

5.2 Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-użu tal-prodotti mediċinali veterinarji

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Action plan against the rising threats from Antimicrobial Resistance (Pjan ta' azzjoni kontra t-theddidiet li qed jiżdiedu mir-Reżistenza għall-Antimikrobiċi)[1] – tenfasizza r-rwol preventiv tar-Regolament fir-rigward tal-mard tal-annimali li jittieħed ("Il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") u t-tnaqqis konsegwenti mistenni tal-użu tal-antibijotiċi fuq l-annimali. Minbarra r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri qed jiġu mħeġġa jimpenjaw ruħhom biex jiġbru dejta rilevanti, komparabbli u li tkun dettaljata biżżejjed, dwar l-użu reali ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi fl-annimali, u li jibagħtu din id-dejta lill-Kummissjoni biex jiġi żgurat użu aktar prudenti ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi fl-annimali, u b'hekk jgħin biex jitnaqqas ir-riskju ta' reżistenza kontra l-antimikrobiċi.

[1] COM(2011) 748.

5.3 Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rappurtar regolari tal-użu ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi fuq l-annimali fl-Unjoni

Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tippubblika rapport regolari dwar l-użu ta’ prodotti mediċinali antimikrobiċi fuq l-annimali fl-UE abbażi tad-dejta li tingħata mill-Istati Membri.